XGHAJRA

Minuti tal-29 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 7 ta' Frar, 2012 , fis-6.00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |
| | Mario Buhagiar |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda - Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija mis-Sindku u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Araising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija

   3.1. Town Twinning – Il-fondi tat-Town Twinning li kellna nieħdu waslulna. L-ammont huwa ta' €5,000. Minħabba li konna mwgħedin minn Dr Chris Said li dak li nofqu aktar mill €5,000 lest li jirrifonduwulna, s-sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex issir lista ta' dawn l-ispejjeż żejda u flimkien ma' Ms Decelis jagħmlu talba għal refund.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

   4.1. Destination Malta – Offerta mingħand Destination Malta sabiex jittieħdu filmati 3D ta' nħawi fix-Xgħajra sabiex inkunu mpoġġija fuq il-website tagħhom bħala pubbliċita'. L-ammont ta' dawn il-filmati jiswa €236 , inkluż il-Vat. Il-proposta ġiet approvata w awtorizzata unanimament.

4.2. Renewal Bring-in-Sites. – Kellna laqgħa mal-Green Pak sabiex nitkellmu fuq it-tiġdid tal-kuntratt. Ġie miftiehem ukoll li ser jgħaddulna ammont ieħor ta' boroż u ftehmna li għal dan il-kuntratt ser inżidu sit ieħor.

4.3. Illmenti fuq il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart u bulky li f'xi partijiet tax- Xghajra qed jattendi kmieni aktar mis-soltu u allura ċerti nies meta joħorġu l-iskart ikun ġa għadda. Is-Segretarju Ezekuttiv ġie nkarigat sabiex jitkellem mal- kuntrattur sabiex jieħu ħsieb dwar din il-ħaġa.

5. Item Nru 5. fuq l-Aġenda - Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

5.1. – Wara li saret is-sejħa għal post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv tax-Xgħajra kien inħatar board li jikkonsisti mill- membri kollha tal-Kunsill. Issa għandna l-Adjudicating Report li qiegħed jiġi ppreżentat lil din il-laqgħa fejn qiegħed jiġi rrakomandat unanimament li s-Sur Ranier Busuttil ikun maħtur bħala Segretarju Eżekuttiv uffiċċjalment. Qiegħed jiġi rraportat li wara li għamilna l-Adjudication irċevejna applikazzjoni minn persuna barra l-Kunsilli Lokali nhar is-26 ta' Jannar, 2012 u ser niktbulu li dan il-post ittieħed. Issa jmissna li navżaw lid-Dipartiment sabiex il-ħatra tas-sur Ranier Busuttil tigi approvata mill-Ministru.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Ġie approvati w ratifikati l-Infieq tax-xhar ta' Jannar, 2012

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Progress Sports/Recreational Centre

7.1. Minħabba li l-ispejjeż għal dan il-proġett sabiex ikun komplut kollu jirikjedi iżjed fondi allura applikajna għall-fondi taħt il-*Good Causes Funds* kif ukoll taħt Memo 63 (Skema ta' Fondi għal dawk il-Kunsilli żgħar)sabiex inkomplu kemm l-ewwel parti tal-proġett kif ukoll it-tieni fażi. Għalhekk b'kollox applikajna għal 90k taħt din il-Memo 63.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1. Il-Ħarga Kulturali u Soċjali ta' l-10 ta' Frar (Festa ta' San Pawl), jidher li għandna konkorrenza tajba u bħal kull sena hi popolari.

8.2. Ġie deċiż ukoll li ssir Ħarga Breakfast b’tema soċjali għal jum il-mara fit- 8 ta’ Marzu 2012 fejn se tattendi persuna f’isem is-Sedqa li ser tagħti lecture interessanti.

8.3. Ġie deċiż uninament li l-Financial Statements tas-Sena 2011 għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u mibgħuta lill- awtoritajiet kkoncernati f’ħin li ma’ jeċċedix ir-regoli preskritti u għal dan il-għan issir laqgħa speċjali tal-Kunsill.

9.1. Item Nru 10 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1. Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta , 20 ta’ Marzu, 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| ------------------------------------- | ---------------------------- |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |